23 ta' Ġunju, 1952.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Victor Savona pr. et ne. *versus* Dr. Peter Asphar et.

**Danni — "Lucrum Cessans" — Likwidazzjoni — Imgħax — Art. 1088 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Fost id-danni li huma riżarcibili lill-persuna li tiġi nkapaċitata mħabba n-negliġenza u imprudenza ta' ħadd ieħor hemm il-"lucrum cessans", li għalih tingħata somma, li ma għandhiex tiskorri l-massimum ta' £1200, u li l-Qorti tillikwida fl-eżerċizzju ta' l-arbitriju diskrezzjonali tagħha wara li jiġu meqjusa ċ-ċirkustanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' l-inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-persuna li tbati l-ħsara.*

*Fil-likwidazzjoni ta' dawn id-danni, il-Qorti għandha żżomm quddiem għajnejha l-iżvilupp tat-tibdil taż-żminijiet minn meta ġiet mill-leġislatur dettata d-dikjarazzjoni relevanti tal-liġi sal-mument attwali meta ssir dik il-likwidazzjoni.*

*Dwar il-jum minn meta għandu jibda jgħaddi l-imgħax fuq is-somma tad-danni kif likwidata mill-Qorti, il-Qrati Tagħna segwew il-prinċipju, salvi każi eċċezzjonali, li l-imgħax għandu jibda jgħaddi mill-jum tas-sentenza li tillikwida s-somma tad-danni, jekk dik il-likwidazzjoni ma tkunx ġiet dilazzjonata bi ħtija tad-debitur.*

Il-Qorti, — Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina tal-31 ta' Ottubru 1949, fejn hemm miġjuba t-talba ta' l-attur u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, u li biha ġie dikjarat illi l-konvenut huwa responsabili għad-danni reklamati fiċ-ċitazzjoni, u ġie riżervat li jingħata provvediment fuq it-talba għal-likwidazzjoni tad-danni wara li dik is-sentenza tgħaddi f'ġudikat; bi riżerva ta' l-ispejjeż għas-sentenza finali;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti ta' l-Appell tat-2 ta' April 1951, li biha s-sentenza ta' dik il-Qorti ġiet konfermata, bl-ispejjeż kontra l-appellanti Lily Asphar;

Rat is-sentenza susseġwenti tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li ġiet mogħtija fil-31 ta' Marzu 1952, u li biha l-kjamat in kawża Nutar Dr. Vincenzo Gatt, bħala Commissioner of Inland Revenue, ġie

maħruġ barra mill-kawża, u ġiet milqugħa t-talba miġjuba fl-att taċ-ċitazzjoni, billi dik il-Qorti llikwidat fis-somma ta' £650 l-ammont li għandu jiġi mogħti lill-attur nomine, u fis-somma ta' £132. 6. 0 dak li għandu jiġi mogħti lilu "proprio", u għalhekk ikkundannat lil Lily Asphar, fil-kwalità tagħha ta' eredi tal-konvenut Dr. Peter Asphar, tħallas lill-attur proprio et nomine s-somma komplessiva ta' £782. 6. 0, bl-imgħaxijiet legali mit-2 ta' April 1951, u ordnat li l-ispejjeż kollha tal-kawża, kompriżi dawk riżervati bis-sentenza tal-31 ta' Ottubru 1949, tħallashom l-istess Lily Asphar nomine; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fuq imsemmija ġie deċiż li l-konvenut hu responsabbli tad-danni reklamati mill-attur. Dawn id-danni huma ta' żewġ xorta, jiġifieri ta' "lucrum cessans", li l-attur qiegħed jirreklama "nomine" f'isem Victor Savona, ibnu minuri, bħala dawk konsegwenzjali għad-debilitazzjoni permanenti subita minn dan ta' l-aħħar, u ta' "damnum emergens", li l-istess attur qiegħed jirreklama "proprio" f'ismu stess, bħala dawk tad-diminuzzjoni patrimonjali li huwa sofra minħabba dik l-istess debilitazzjoni;

Illi dwar l-ewwel xorta ta' danni, il-periti—ġudizzjarji waslu għall-konklużjoni li d-diżabilità li sofra Victor Savona b'konsegwenza ta' l-azzjoni tal-konvenut hija dik ta' 30%, b'dana però, li billi t-telfa tas-sieq hija evidentement permanenti, anki l-grad ta' diżabilità huwa permanenti. L-istess periti żiedu jgħidu illi huma ma kkunsidrawx l-insult psikiku tat-telf tas-sieq, u lanqas il-fatt li Victor Savona baqa' bla skola kawża tal-menomazzjoni li sofra; u illi l-grad ta' diżabilità li huma ffissaw jirrigwarda t-telfa tas-sieq "ut sic" u l-effett li din it-telfa kellha fuq il-funzjonalità ta' l-arti superjuri tal-lemin;

Illi biex waslu għal din il-konklużjoni l-imsemmijin periti, wisq raġjonevolment, ħadu in konsiderazzjoni li Victor Savona, qabel ma ġie operat mill-konvenut, kien affett minn paralisi infantili fl-istess sieq li ġiet operata minn dan ta' l-aħħar, b'mod li qabel l-operazzjoni dik is-sieq ma kienetx normali, imma kienet menomata ħafna. Huma ssottomettew illi, kieku Victor Savona ma tilefx siequ minħabba l-operat tal-konvenut, il-grad tad-diżabilità tiegħu kien ikun ta' 25%

(fol. 361 tergo), u li dak il-grad ta' diżabilità attwali, minħabba l-paralisi infantili li kellu, u t-telfa tas-sieq kaġunata mill-operat tal-konvenut, huwa ta' 55% (fol. 361); u hekk huma ħadu d-differenza, u kkonkludew illi l-operat tal-konvenut ikkaġuna lil Victor Savona grad ta' diżabilità ta' 30% (fol. 361 tergo);

Illi l-Qorti ma taqbelx għal kollox ma' din il-parti tal-konklużjoni tal-periti ġudizzjarji, u dan anki għal xi whud mir-raġunijiet sottomessi minnhom stess. Infatti, il-periti rrilevaw li d-diżabilità li għandu Victor Savona hija "kważi" ekwivalenti għal dik ta' amputazzjoni fin-nofs il isfel tal-koxxa, li ġġib diżabilità ta' 60% (fol. 360 tergo), u kien għal-hekk li huma ffissaw il-grad ta' diżabilità attwali f'dak ta' 55%. Però għandu jiġi osservat li f'kaž ta' amputazzjoni Victor Savona kien ikun jista' juża l-apparat prostetiku — ħaġa li minħabba l-operat tal-konvenut ma jistax jagħmilha. Għandu jiġi osservat ukoll li l-istess periti awmentaw il-grad ta' diżabilità b'10% minħabba li Victor Savona ma jistax juża l-apparat prostetiku minħabba "medical and surgical reasons" (fol. 358). Imma jidher li l-periti kien messhom ħadu in konsiderazzjoni wkoll din iċ-ċirkustanza, li Victor Savona, jekk ma jistax juża dak l-apparat, inħolqot mhux sempliċement għall-"medical and surgical reasons", imma għar-raġuni ġà mogħtija fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, jiġifieri li l-konvenut fl-operat tiegħu ma' Victor Savona ma użax id-diliġenza ta' "bonus pater familias", u wera imprudenza, waqt li b'attenzjoni minn-naħa tiegħu l-perikolu tal-kankrena seta' jiġi minnu skonġurat. U kienet appuntu din il-premessa pjuttost inkorretta li żviјat lill-periti ġudizzjarji fil-konklużjonijiet tagħhom. Infatti huma partew mill-konsiderazzjoni li l-konvenut ma għamelx l-operazzjoni fuq sieq Victor Savona kapriċċjożament, imma għax kien żgur li kellu jġib miljorament f'dik is-sieq; u huma jidher li rritenew li dak li ġara ssuċċieda b'aċċident, jew pjuttost "for surgical reasons";

Però hemm bżonn li jiġi rilevat li l-operat tal-konvenut, apparti jekk sarx fuq sieq normali jew menomata, kien negliġenti, b'mod li fil-kaž in eżami l-operat tal-konvenut mhux biss ma ġiebx miljorament f'sieq Victor Savona, kif normalment kellu jġib, imma ġieb, għall-kuntrarju, deterjorament

kbir. U dana ġara mhux għal xi aċċidentalità, jew għal xi "medical or surgical reasons", li ma jkunux imputabili, imma għal vera u proprja negligenza. U jekk, kif issottomettew *l-istess periti, il-grad ta' diżabilità ta' Victor Savona kien, qabel l-operazzjoni, dak ta' 25%, u kien hemm prospetti fondati li l-operazzjoni tkun soddisfaċenti, u kieku ma kienx* hemm negligenza, dak il-grad ta' *diżabilità jonqos* (fol. 355 tergo), u l-lum dak il-grad ta' *diżabilità* huwa ta' 55%, għandu jiġi ritenut li l-istess grad ta' *diżabilità* li sofra Victor Savona b'konsegwenza ta' l-operat tal-konvenut għandu jkun ta' almenu l-40%;

Illi ma' din il-perċentwalità ta' danni għandhom jiżdiedu dawk derivanti mill-fatt, rilevat mill-perizja, illi l-grad ta' din *id-diżabilità* huwa permanenti (fol. 361 tergo), *kif* ukoll *dawk dovuti għall-insult* psikiku *tat-telfa tas-sieq, l-inkapaċità ta'* Victor Savona li *jmur* l-*iskola*, u *s-sofferenzi* morali tiegħu meta jara, wisq iżjed 'il quddiem, li huwa dejjem u f'kollox irid kważi jiddependi minn ħadd ieħor — ħwejjeġ dawn li ma ġewx meħuda in konsiderazzjoni mill-periti ġudizzjarji;

Illi għalhekk, meħuda in konsiderazzjoni x-xorta u l-grad ta' l-inkapaċità kaġunata lil Victor Savona, u ċ-ċirkustanzi kollha *tal-każ*, fis-sens tad-dispożizzjoni ta' l-art. 1088 tal-*Kodiċi Ċivili, il-Qorti* tiffissa d-danni tax-xorta tal-"lucrum *cessans*" fis-somma ta' £650;

Illi, kif ġa ntqal, minbarra l-"*lucrum cessans*" l-attur għandu dritt għar-rifużjoni tad-danni emerġenti, jiġifieri ta' kwalunkwe diminuzzjoni patrimonjali li huwa "proprio" sofra minħabba l-operat tal-konvenut. Dawn id-danni, skond l-attur, jammontaw għal £132. 6. 0 (fol. 376). U dana l-ammont huwa dovut, u għandu jiġi hekk likwidat, għaliex irriżulta ġustifikat, billi ġie pruvat li hu l-effett ta' l-operat dannuż tal-konvenut;

*Illi rigward* l-imgħaxijiet fuq l-ammonti li *ġew likwidati, jew aħjar minn meta l-istess għandhom jiddekorru, jingħad* li skond il-liġi l-imgħaxijiet li *ma jkunux* kummerċjali, jew li l-liġi tkun tiddisponi li għandhom jgħaddu "ipso jure", l-istess għandhom jgħaddu minn dak inhar li l-obligazzjoni kellha tiġi eżegwita. F'kull każ ieħor, bħal ma hu l-każ pre-

żenti, l-ingħaxijiet jgħaddu minn dak inħar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju. F'dan il-każ l-interpellazzjoni saret mal-preżentata taċ-ċitazzjoni. Però huwa prinċipju ġenerali li meta s-somma ma tkunx likwidata l-ingħaxijiet għandhom jgħaddu mill-ġurnata tal-likwidazzjoni, u fil-każ preżenti din il-likwidazzjoni qiegħda ssir issa. Imma fil-fehma tal-Qorti għandu f'dan il-każ jsir temperament, fis-sens li dawn l-ingħaxijiet jgħaddu, anki bħala danni ulterjuri, mhux mill-bidu nett, imma minn meta ġie definitivament deċiż li l-konvenut huwa responsabili għad-danni li rreklama l-attur fl-att taċ-ċitazzjoni, jiġifieri mid-deċiżjoni fuq imsemmija tal-Qorti ta' l-Appell;

Illi jidher ċar li l-imsejjaħ fil-kawża Nutar Dr. Vincenzo Gatt, fil-kwalità ta' Commissioner of Inland Revenue, ma għandux interess f'din il-kawża, u seta' lanqas ġie msejjaħ fiha;

Rat in-nota ta' l-appell fol. 400, li biha l-attur proprio et nomine ddikjara li jrid jappella mis-sentenza fuq imsemmija tal-31 ta' Marzu 1952;

Rat il-petizzjoni tiegħu ta' l-appell, li biha talab li dik is-sentenza tiġi riformata, billi jiġi dikjarat li l-lukri ċessanti dovuti lill-attur nomine huma aktar minn £650, u jiġi likwidat ammont akbar in proporzjon tal-ħsara kbira li hu sofra, u li l-konvenuta nomine tiġi kundannata tħallas l-ammont li jiġi hekk likwidat, u talab li tiġi revokata s-sentenza fejn akkordat l-ingħax mit-2 ta' April 1951, u li minflok jiġi deċiż li dawk l-ingħax għandhom jibdew mill-31 ta' Ottubru 1949, u li tiġi konfermata għall-kumplament. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuta nomine;

Rat ir-risposta ta' l-imsemmija Lily Asphar, li biha appellat inċidentalment, u talbet illi l-appell prinċipali jiġi respint bl-ispejjeż, u illi s-sentenza appellata tiġi riformata, billi s-somma ta' £650 akkordata mill-Ewwel Qorti għal "lucrum cessans" tiġi ridotta, u tiġi revokata in kwantu kkundannat lill-konvenuta tħallas l-ingħaxijiet mit-2 ta' April 1951, u tiġi konfermata għall-kumplament;

*Omissis*;

Ikkunsidrat:

Il-kwistjonijiet devoluti b'dawn iż-żewġ appelli lil din l-Qorti huma dawn:—

1. Il-Qorti ta' l-Ewwel Grad illikwidat favur l-attur nomine għal "lucrum cessans" is-somma ta' £650. L-attur sostni li din is-somma hi inadegwata u għandha tiżdied; l-konvenuta tgħid li hi eċċessiva u li għandha tiġi ridotta;

2. L-Ewwel Qorti akkordat il-lukri legali fuq is-somma kollha ta' £782. 6. 0 (£650 "lucrum cessans" u £132. 6. 0 "damnum emergens") mid-data li fiha din il-Qorti, b'konferma tal-pronunċja ta' l-Ewwel Qorti tal-31 ta' Ottubru 1949, ddikjarat lil Dr. Peter Asphar responsabili tad-danni, ċjoè nit-2 ta' April 1951. L-attur proprio et nomine jsostni li dawn l-imgħaxijiet għandhom almenu jiddekorru mill-31 ta' Ottubru 1949, ċjoè mid-data li fiha l-Ewwel Qorti ddikjarat lil Dr. Peter Asphar responsabili għad-danni; il-konvenuta Lily Asphar, invece tgħid li dawn l-imgħaxijiet għandhom jiddekorru mid-data tal-likwidazzjoni, ċjoè tas-sentenza finali;

Fuq il-kwistjoni tal-"lucrum cessans";

Il-fatti ġew rikapitolati fil-pronunċja ta' qabel, u għallinijiet ta' din id-deċiżjoni biżżejjed jingħad illi t-tifel ta' l-attur, Victor Savona, minħabba n-negliġenza u imprudenza tal-konvenut Dr. Peter Asphar, li operah fit-18 ta' Marzu 1944, meta t-tifel kellu xi ħames snin, tilef għal kollox ilvula ta' siequ l-leminija. Dwar id-deklaratorja tar-responsabilità ta' Dr. Asphar hemm il-ġudikat. Dwar is-somma tad-"damnum emergens" ma hemmx kwistjoni aktar. Il-pont jirrigwarda l-"lucrum cessans";

Dwar din il-materja l-Liġi Maltija tiddisponi fl-art. 1088 Kap. 23, fejn, fl-ewwel subartikolu, fost id-danni riżarċibili mill-persuna responsabili taħt l-"actio legis aquiliae", issemmi wkoll it-telf ta' qliegħ li l-parti danneġġjata tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità permanenti, totali jew parzjali, li l-att dannuż seta' jġib. Fit-tieni subartikolu mbagħad tgħid hekk:— "Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-Qorti wara li tqis iċ-ċirkustanzi tal-każ, u fuq kollox ix-xorta u grad ta' inkapaċità kaġunata u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara; iżda, meta l-ħsara ma

hix kaġunata doložament, s-somma stabbilita mill-*Qorti* ma għandhiex tkun iżjed minn elf u mitejn lira'';

"Mela minn dan jiġi illi:—

(a) Fost *id-danni riżarċibili* hemm il-''lucrum cessans'' minħabba l-*inkapaċità permanenti*;

(b) Illi għal din l-inkapaċità tingħata somma mill-Qorti;

(c) Illi din is-somma ma għandhiex tiskorri — f'*każ ta' kolpa* bħala distint minn dak ta' għemil doluż — il-maximum ta' £1,200;

(d) Illi fl-eżerċizzju ta' l-arbitriju diskrezzjonali tagħha l-Qorti għandha tqis iċ-ċirkustanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' l-inkapaċità, u l-*kondizzjoni* ta'-parti li tbati l-ħsara;

Fl-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni l-Qorti għandha żżomm quddiem għajnejha l-iżvilupp li, in konsegwenza tattibdil taż-żmienijiet fil-kors ta' kważi mitt sena minn meta ġiet magħmula d-dispożizzjoni oriġinali, impona l-*emendi* ta' l-1938. Meta Sir Adrian Dingli (kif jidher mill-Annotazzjonijiet tiegħu) daħħal dawn id-dispożizzjonijiet, ftit wara l-ewwel nofs tas-seklu dsatax, fil-Kodiċi Malti, hu kien preokkupat li jillimita kemm jista' l-ammont tal-''lucrum cessans''. Ħeda biex illimitah għall-każ *ta' għemil* doluż biss (ara l-art. 751 u 752 tal-Kodiċi ta' *qabel, illum revokati*) u, avvolja hu *mmodella* ruħu fuq il-Kodiċi Awstrijak, li, bħal kodiċijiet oħrajn, ma kienx jimponi maximum, iffissa maximum ta' £100; ''altrimenti'', qal dak il-ġurekonsult, ''si potrebbe *cagionare la rovina* del danneggiante''; u żied igħid ''il limite è una norma alla Corte tutta nuova''. Fl-1938, stante l-intensità awmentata tal-ħajja, li minn naħa waħda timponi eżiġenzi akbar, u kwindi l-inkapaċi jsib ruħu f'pożizzjoni agħar minn qabel, u li minnaħa l-oħra *toffri opportunitajiet* akbar ta' qliegħ, u għalhekk l-inkapaċi aktarx jitlef aktar qliegħ futur, u stante l-''purchasing power'' diminwit *tal-flus*, *il-leġislatur* biddel radikalment dawk *id-dispożizzjonijiet*, fis-sens li ammetta l-''lucrum cessans'' anki għal każ ta' kolpa; u mentri *għall-każ ta' għemil* doluż ma ffissa ebda maximum, eleva sostanzjalment il-maximum għall-każ ta' kolpa u ffissah fis-omma ta' £1200. Id-dispożizzjoni in parola għalhekk għandha titqies fid-dawl ta' dawn l-emendi ta' l-1938;

Hija nota l-massima "in probatione lucri cessantis sufficiunt praesumptiones", u hu wkoll utili li wiehed ifakkar il-kliem li ntqalu mill-Qrati Inglizi (Philips vs. London & South Western Rail Co. (1879) 5 Q.D. 78 C.A.) :— "Such damages cannot be a perfect compensation, but must be arrived at by a reasonable consideration of the circumstances of the plaintiff, and by making allowances for the ordinary chances of life". Skaii fissi ma tantx huma possibili, u a propożitu ntqal mill-Qorti ta' l-Appell Ingliża, in Bailey vs. Howard, 14. 12. 38, minn wiehed mill-Imhallfin, Law Justice Scott :— "I see no means of arriving at any sort of quantitative scale for the guidance of judges and juries, except the gradual working out, chiefly through the common sense of juries, of the amount that in the civilisation of today is regarded as reasonable for that particular head of damages";

Issa, fil-każ in ispecje, l-inkapaċità permanenti kaġunata lit-tifel Victor Savona hi ta' grad markat ħafna; u fil-qies tal-"lucrum cessans", jew aħjar fl-eżerċizzju ta' l-arbitriju diskrezzjoni tal-Qorti sakemm tiġġudika jekk is-somma akkordata mill-Ewwel Qorti għandhiex tiżdied jew titnaqqas, jew tibqa' kif inhi, dejjem fil-limiti ta' £1,200 preskritt millliġi, għandu jiġi kunsidrat dan li ġej :—

1. Li "stump" li baqgħalu t-tifel wara t-telfa tal-pala ta' siequ ma hijiex, kif ingħad, "end bearing", vwoldiri l-pazjent ma jistax juża t-tarf ta' dik is-sieq biex ipoġġi fuqu laqqas l-apparat prostetiku. It-tifel għalhekk hu dak li jissejjaħ "a hopeless cripple";

2. Hu veru li t-tifel kien ġà jbati mill-postumi tal-paralisi infantili, imma dak li l-bon sens għandu jirrileva huwa dan, illi qabel ma ġiet kaġunata mill-konvenut Dr. Asphar din il-ħsara lit-tifel, dan, kif deher mill-provi, kien jimxi u anki jilgħab ma' tfal oħra fuq il-parapett, kien jitla' u jinżel it-taraġ, għalkemm iżomm ma' xi ħaġa, per eżempju l-ħadid tat-taraġ, u, għad li ma kienx jimxi distanzi kbar, kien jimxi, u mhux bilfors iżomm ma' xi ħaġa, u fid-dar kien ikun il-ġurnata kollha fuq saqajh. Wara dan l-inċident, sommament sfortunat fil-ħajja ta' dan it-tifel, hu ma jistax jieqaf aktar, lanqas bl-apparat prostetiku; u t-tifel il-lum jinsab fil-kondizzjoni grafikament deskritta f'każ analogu, fejn

tifel tilef idejh (avvolja f'dan il-każ kien possibili li jkollu "artificial limbs"), mill-Qorti ta' l-Appell ta' l-Ingilterra fil-kawża Heaps vs. Perrite Ltd., Febr. 19, 1937, b'dawn il-kliem :— "..............we have also to take in consideration not only the suffering which he had immediately after the accident, but the suffering that he will have throughout his life in future, the constant necessity of having assistance in the various things that he has to do for his own purposes, apart from earning money; also the fact that the joy of life will have gone from him; he cannot ride a bicycle, cannot kick a football, he cannot have any of the forms of recreation which appeal to the healthy ordinary man.............." (f'dan il-każ id-danni mogħtija kienu £10,000);

3. *Kif qalu l-esperti adibiti* mill-Qorti, b'*operazzjoni magħmula sewwa setgħu ġew imnaqqsa l-effetti ta'* dawn il-postumi tal-poliomielite, mentri issa, minħabba l-inkurja tal-konvenut Dr. Asphar, dak *ċ-chance ta' miljorament intilef;*

4. Mhux biss, imma l-postumi tal-paralisi ġew aggravati bit-telfa tas-sieq;

*Għalhekk jiġi* illi *dan it-tifel*, li qabel *kien, tajjeb jew ħażin*, jimxi fil-pjan, kien jgħaġġel għalkemm izappap, kien jitla' t-taraġ għalkemm iżomm ma' xi ħaġa, kien joqgħod *wieqaf matul il-ġurnata kollha, kien jilgħab mat-tfal* u *jlaħ-ħaq* ma' dak li kien jixtieq jagħmel, li kellu ċ-chance li b'ope-*razzjoni* magħmula sewwa seta' sar aħjar milli kien, li kellu wkoll *chance li l-effetti tal-paralisi jitnaqqsu fil-kors ordinar-*ju tan-natura, minflok sab ruħu, minħabba l-inkurja tal-kon-*venut*, bla pala ta' siequ, inkapaċi li jieqaf, lanqas b'apparat artifiċjali, u *bla ebda speranza ta' miljorament* — u dan kol-lu minħabba li l-konvenut ittraskura li jmur jarah wara l-ope-*razzjoni* biex ma jissopravvenix, kif issopravvjena, il-proċess gangrenus, u *lanqas mar jarah meta omm it-tifel* kienet irri-ferietlu sintomu ċar ta' dan il-proċess gangrenus;

Meta qieset dawn iċ-ċirkustanzi kollha, kif skond il-liġi għandha tagħmel, u kkunsidrat kemm il-bniedem irid ikun attrezzat tajjeb biex jista' jikkumbatti mad-dinja l-lum il-*ġurnata*, l-opportunitajiet li toffri l-ħajja għal min hu b'saħħ-tu u jista' jlaħħaq ma' l-eżiġenzi tagħha, meta rriflettiet fuq l-ammonti li tat din il-Qorti f'każijiet fejn il-ħsara kienet ferm

iżgħar (App. Civ. "Coppola vs. England Sant Fournier", 31. 1. 44, u "Borg vs. Bonnici" 28. 6. 48), il-Qorti ġiet għall-konklużjoni li l-ammont akkordat mill-Ewwel Qorti għal "lucrum cessans" għandu jiġi miżjud u għandu jkun ta' £900;

Kwantu għall-pont tad-"dies a quo" tad-dekorrenza ta' l-imgħax;

Sabiex il-kwistjoni li għandha tiġi riżoluta minn din il-Qorti titqiegħed fil-limiti tagħha proprji, għandu jiġi ossservat li ma hemm ebda pretensjoni li l-imgħax għandhom jiddekorru *mill-ġurnata tal-fatt, jew minn notifika taċ-ċitazzjoni*. L-ewwel Qorti għamlithom jiddekorru mit-2 ta' April 1951 (data li fiha din il-Qorti kkonfermat id-deklaratorja tar-responsabilità tal-konvenut magħmula mill-Ewwel Qorti fil-31 ta' Ottubru 1949). L-attur issa jgħid li jmisshom jiddekorru minn din id-data ta' l-aħħar, ċjoè minn mindu l-Ewwel Qorti ddikjarat li Dr. Asphar ħati tad-danni, mentri l-parti kuntrarja tgħid li għandhom jiddekorru mil-likwidazzjoni;

Għalkemm il-pont huwa kontrovers, tant fil-ġurisprudenza estera kemm *ukoll fl-insenjamenti dottrinali*, il-Qrati Tagħna jidher li, salvi każi eċċezzjonali, segwew il-massima hekk enunċjata fis-Sabelli, Summa Mora, n. 4, u Leotardi, De Usuris, quaest. 84, n. 1 u 6, "in illiquidis mora non contrahitur nisi culpa debitoris liquidatio differatur" (ara sent. Kollez. XVIII—II—431, XIX—I—83, XX p. 308, u XXXI—I—84); u din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tvarja dan il-prinċipju;

In kwantu għall-applikazzjoni tiegħu, din il-Qorti ma ssibx li din il-likwidazzjoni *ġiet dilazzjonata bi ħtija tad-debitur*. Ma jidherx li l-kontestazzjoni tiegħu kienet vessatorja jew malizzjuża, b'mod li kien ikun hemm lok għall-massima "malitiis non est indulgendum", li fuqha varjat ir-regola s-sentenza riportata fil-Vol. XXXI fuq ċitata. Jekk il-proċeduri damu, dan kien minħabba l-kors ordinarju ta' l-affarijiet, u mhux bi ħtija tad-debitur;

Għal dawn il-motivi;

Din il-Qorti tiddeċidi;

B'illi *tilqa' l-appell prinċipali fis-sens biss li l-ammont tal-lukru ċessant* għandu jkun mhux ta' £650, imma ta' £900,

u *tirrespingieh in kwantu li gie pretiż il d-data tad-dekorrenza* ta' l-imgħax għandha tkun dik tal-31 ta' Ottubru 1949;

Billi tilqa' l-appell inċidentali fis-sens biss li l-imgħax fuq is-somma totali likwidata, ċjoè fuq £1032. 6. 0, jibdew jiddekorru, in kwantu għal £132. 6. 0 mill-31 ta' Marzu 1952, meta ngħatat is-sentenza appellata bla ma sar appell minnha fuq dan il-kap tad-danni, u kwantu għal £900 mill-lum, peress li dan il-kap ġie appellat u s-somma likwidata definitivament b'din is-sentenza, u tirrespinġi dan l-appell in kwantu milbet ir-riduzzjoni tas-somma tal-"lucrum cessans";

Stante ċ-ċirkustanzi tal-każ, l-ispejjeż ta' l-ewwel istanza jibqgħu kif ġa provvduti bis-sentenza appellata, u dawk tat-tieni istanza jitħallsu mill-konvenuta, ħlief dawk tassabili fuq dik il-parti ta' l-appell prinċipali li ġiet respinta, u dawk tassabili fuq dik il-parti ta' l-appell inċidentali li ġiet milqgħa, li jibqgħu a kariku ta' l-appellant prinċipali.